

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Każistika Nazzjonali > Malta

Każistika nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Malta

Malta



Din il-paġna tagħtik informazzjoni dwar il-ġurisprudenza Maltija.

Ġurisprudenza

Struttura tad-deċiżjonijiet/Titoli

Għalkemm il-kelmiet prinċipali ma ssibhomx bħala titolu fil-ġurisprudenza, hemm funzjoni fl-applikazzjoni tas-sentenzi nazzjonali – parti mis-sistema ta’ Ġestjoni tal-Kawżi Legali (LECAM - *Legal Case Management*) li tintuża fil-Qrati tal-Ġustizzja – fejn ċerti sentenzi li jiġu kkunsidrati interessanti jiġu indiċjati. Pereżempju, sett ta’ kelmiet prinċipali flimkien ma’ sommarju tas-sentenza jkollhom *link* għal mar-rekord.

Għad-deċiżjonijiet kollha tal-qrati jintuża mudell speċifiku wieħed, li jinkludi l-istemma araldika nazzjonali, il-qorti, l-isem tal-ġudikant, id-data tas-seduta, in-numru ta’ referenza tal-kawża, il-partijiet involuti fil-kawża (A vs B) segwiti mit-test effettiv tas-sentenza tal-qorti. It-tipa, il-*header* u l-*footer* huma inklużi wkoll fil-mudell.

Formati

Il-ġurisprudenza hija disponibbli f’format PDF.

Proċedimenti ulterjuri

	Qrati Superjuri	Qrati oħrajn
Hija disponibbli informazzjoni dwar:		
• appelli?	Iva	Iva
• jekk kawża għadhiex pendenti?	Iva	Iva
• ir-riżultati tal-appelli?	Iva	Iva
• l-irrevokabbiltà tad-deċiżjoni?	Iva	Iva
• proċedimenti ulterjuri quddiem		
- qorti interna oħra (il-Qorti Kostituzzjonali...)?	Iva	Iva
- il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja?	Le	Le
- il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem?	Le	Le

Regoli tal-pubblikazzjoni

Hemm regoli vinkolanti għall-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza? fuq il-livell nazzjonali? fuq il-livell tal-qrati
 Iva Iva
 Skont ir-regoli attwali, is-sentenza trid issir pubblika imma m’hemmx indikazzjoni b’liema mezz għandu jsir dan.

F’Malta tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza sħiħa.

Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Familja mhumiex inklużi ismijiet personali. Barra minn hekk, jekk l-imħallef jew il-maġistrat li jkun qed jipprevedi xi qorti jordna li l-isem ta’ xi waħda mill-partijiet involuti jew akkużati ma jiġix

ippubblikat, is-sentenza f'din il-kawża lanqas ma tinkludi ismijiet personali.

■ L-aħħar aġġornament: 22/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.